MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 199/2008

**Mace Developments Limited (C119)**

***kontra***

**1. Ir-Registratur tal-Qorti ; u ghal kull interess li jista` jkollhom,**
**2. L-Avukat Dottor Chris Cilia u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati b`digriet tas-16 ta` Marzu 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent Herbert Harding ;**
**3. L-Avukat Dottor Peter Fenech u l-Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer nominati b`digriet tad-9 ta` Ottubru 2000, bhala l-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta` Dorothy Burrell ;**
**4. Achille Mizzi ;**
**5. L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar nominati b`digriet ts-16 ta` Marzu 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Eric Cowper ;**

**6. Dr. Anthony Charles ;**
**7. Raymond Caruana ;**
**8. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b`digriet tas-16 ta` Marzu 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti John Hornby Skewes ;**
**9. L-Avukat Dottor Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b`digriet tas-16 ta` Marzu 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Hans Scheitegger**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>25 ta` Frar 2008</u> li jaqra hekk –

*1. Illi in segwitu ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Frar 2008 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet ‘Mace Developments Limited vs l-Avukat Dottor Chris Cilia et nomine’ (citazzjoni numru 1425/2000 GCD), fejn allura s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta` Ottubru 2005 giet reza res judicata, l-intimat Registratur tal-Qorti hareg, fuq talba tas-socjeta` rikorrenti, it-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji (Dokument ‘A’) rigwardanti l-istess kawza, fejn gie likwidat inter alia l-hlas ta` elf hames mija u disa` Euro u tlieta u erbghin centezmu (€1,509.43) bhala l-bilanc dovut bhala dritt ta` registru wara s-sentenza tal-11 ta` Ottubru 2005, kif ukoll il-hlas ta` erbat elef u tnejn u sittin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€4,062.43) u elf, tliett mija u erba` u hamsin Euro u sittax-il centezmu (€1,354.16) bhala drittijiet, sew fil-Prim`Istanza u sew fl-Appell, tal-Avukati u l-Prokuraturi Legali rispettivi fil-kawza fuq citata ;*

*2. Illi t-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji surriferita tammonta kumplessivament ghal tnejn u hamsin elf, hames mija u hamsa u erbghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€52,545.26) ;*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti tixtieq tattakka din it-taxxa bhala rregolari u konsegwentement inattendibbli, billi fil-fehma umli tar-rikorrenti, il-metodu ta` intaxxar uzat mir-Registratur intimat kien erronju u rregolari, principalment ghaliex is-socjeta` rikorrenti ma taqbilx mal-likwidazzjoni maghmula mir-Registratur dwar id-drittijiet tar-Registru u tal-Avukati u Prokuraturi Legali rispettivi in konnessjoni mal-istess kawza – u ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti ghandha kull interess illi tattakka l-istess likwidazzjoni ;*

*4. Illi huwa pacifiku li ntaxxar tad-drittijiet tal-kawzi ghandu jigi regolat mit-Tariffi A u E, kontenuti fl-iskeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sakemm il-klijent u l-avukat ma jkunux ftiehmu li jithallsu rati ohra permessibbli mil-ligi (ara artikolu 47a tal-Iskeda E) ;*

*5. Illi jinghad li waqt li t-Tariffa A tiddetermina d-drittijiet li jithallsu mir-Registru, it-Tariffa E tiddetermina d-drittijiet tal-avukat u prokuraturi legali. Iz-zewg tariffi huma komplementarji ;*

*6. Illi meta t-tariffi jinkludu drittijiet varjabbli b`minimu u massimu r-Registratur ghandu jistabilixxi tali rati skond il-kriterji misjuba fil-Kodici tal-Etika u Mgieba ghall-Avukati (ara artikolu 46 tal-Iskeda E) ;*

*7. Illi fil-kawza illi dwarha r-Registratur intimat illikwida d-drittijiet tar-Registru u tal-Avukati u Prokuraturi Legali rispettivi in konnessjoni mal-istess kawza, is-socjeta' rikorrenti kieent ressqet is-segwenti talbiet, u cioe` illi l-Qorti :*

*i) tordna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat ghal dan l-iskop minn dina l-Onorabbli Qorti, jergghu iqieghdu l-bieb ta` barra tal-blokk ta` bini bl-isem "Clarke Mansions", Triq il-Mahsel, St. Thomas Bay, fl-istat pristinu tieghu, billi jergghu iqieghdu s-serratura gja` ezistenti fl-istess bieb ossija jikkonsenjaw kopja tac-cavetta tas-serratura ezistenti lis-socjeta` attrici ;*

*ii) fin-nuqqas li jezegwixxu din l-ordni fiz-zmien lilhom koncess, tawtorizza minn issa lis-socjeta` attrici sabiex tezegwixxi dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex tbiddel is-serratura tal-bieb ta` barra tal-imsemmi blokk u tikkonsenja kopja tac-cavetta relattiva lil kull wiehed u wahda mill-konvenuti, u dana kollu ghas-spejjez tal-konvenuti, jew ta` min minnhom ;*

*iii) tiddikjara illi l-konvenuti, jew min fosthom, qeghdin jokkupaw il-lock-up storage rooms, li jinsabu fil-blokk fuq deskritt u proprjeta` tas-socjeta` attrici, minghajr ebda titolu validu fil-ligi u minghajr il-kunsens tas-socjeta` attrici ;*

*iv) konsegwentement tordna lil kull wiehed u wahda mill-istess konvenuti sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju li jigi ffissat ghal dan l-iskop minn dina l-Onorabbli Qorti, jivvakaw mil-lock-up storage rooms u jikkonsenjaw il-pussess tal-istess, flimkien mac-cwievet relattivi, lura lis-socjeta` attrici ;*

*v) tiddikjara illi bl-agir illegali u abuziv taghhom, hawn fuq spjegat, il-konvenuti, jew min fosthom, ikkagunaw danni ngenti lis-socjeta` attrici, konsistenti f`telf ta` qligh u telf iehor ;*

*vi) tillikwida, okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi, id-**__danni__** hekk sofferti mis-socjeta` attrici ;*

*vii) **__tikkundanna__** lill-konvenuti, jew lil min fosthom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici din is-somma hekk likwidata ;*

*viii) tillikwida, okkorrendo bl-opera tal-istess periti nominandi, dik is-somma dovuta li tithallas lis-socjeta` attrici, in linea ta` **kumpens**, ghall-perjodu illi fih l-istess konvenuti, jew min minnhom, okkupaw dawn il-kmamar illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-ligi ;*

*ix) **tikkundanna** lill-istess konvenuti, jew lil min fosthom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici dik is-somma hekk likwidata. (Enfazi mizjud).*

*8. Illi skond l-inkartament illi jidher fl-atti tal-kawza, din il-likwidazzjoni saret a bazi ta` valur ta` sittin elf hames mija tlieta u sittin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€60,563.71) bhala l-ammont ta` **danni** rikjesti mis-socjeta` rikorrenti fit-talbiet elenkati taht il-paragrafi f) u g) hawn fuq; u hamsa u ghoxrin elf sitt mija u tlieta u ghoxrin Ewrop u hdax-il centezmu (€25,623.11) rapprezentanti l-**kumpens** rikjest mis-socjeta` rikorrenti taht il-paragrafi h) u i) hawn fuq. Fl-umli fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-valuri hekk attribwiti mir-Registratur intimat mhux biss huma eccessivi, izda wkoll arbitrarjament stabbilit mir-Registratur intimat b`applikazzjoni erroneja tat-tariffi kontenuti fl-Iskeda A tal-Kap 12, u senjatament dawk l-artikoli rilevanti li jirregolaw it-tariffi tad-drittijiet li ghandhom jithallsu rigward is-smigh tal-kawzi sew lir-Registru tal-Qorti u sew lill-Avukati u Prokuraturi Legali tal-partijiet ;*

*9. Illi oltre dan, fl-umli fehma tas-socjeta` rikorrenti, il-valuri attribwibbli ghat-talbiet attrici la huma stabbiliti u lanqas ma jistghu jigu stabbiliti skond il-ligi (kwindi ntalbet in-nomina ta` periti fic-citazzjoni proprju ghal dan l-iskop), u ghalhekk ir-Registratur kellu japplika d-disposizzjonijiet tar-regoli rilevanti tat-tariffi kontenuti fl-Iskeda A, u jintaxxa d-dritt fuq cirkostanzi fejn il-valur jibqa` mhux cert u mhux likwidu ;*

*10. Illi l-istess sottomissjonijiet japplikaw ukoll ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet li ghandhom jithallsu lill-Avukati u lill-Prokuraturi Legali rispettivi skond it-Tariffa E fl-istess skeda. Gjaladarba ma jistax jigi applikat id-dispost tal-artikolu 14 tat-Tariffa E stante li valur tal-kawza mhux determinat jew determinabbli, ghandu japplika l-artikolu 15(a) fejn jithallas dritt ta` bejn ghaxar liri (Lm10) u mitt lira (Lm100) [illum ta` bejn €23.29 u €232.94] ghal kull dikjarazzjoni moghtija mill-Qorti fil-kawza odjerna li jkun fiha decizjoni ta` xi punt ta` ligi jew ta` fatt ;*

*11. Illi peress, inoltre, li si tratta ta` drittijiet li fihom massimu u minimu r-Registratur hu obbligat skond l-artikolu 46 tat-Tariffa E, li japplika l-principji misjuba fil-Kapitolu 4, paragrafu 2 tal-Kodici tal-Etika tal-Avukati ;*

*12. Illi, ghaldaqstant u fil-fehma umli tas-socjeta` rikorrenti, f`dan l-istadju, ir-Registratur ma ghandux is-setgha illi jintaxxa d-drittijiet professjonali f`din il-kawza b`mod differenti minn dawk disposti fl-artikoli hawn fuq citati ;*

*13. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq sottomess, is-socjeta` rikorrenti umilment tirrileva ulterjorment illi, f`kaz fejn il-valur tal-kawza huwa indeterminat, il-valur li jinghata lill-kawza ghandu jkun wiehed ragonevoli li jigi determinat fid-dawl tac-cirkustanzi kollha tal-kawza :*

*"meta mill-massa litigjuza jkun jidher x`kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioe` ghandu jigi studjat u ezaminat x`ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta` dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'quod disputatum est', li jista` jigi ragjonevolament indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process ; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub,*

*indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda." (Leslie Grech noe vs Frank Abela et, deciza fil-25 ta` Jannar 2002, Prim`Awla tal-Qorti Civili).*

*14. Illi kif gja` gie rilevat id-danni konsistenti f`telf ta` qligh u telf iehor kif ukoll il-kumpens pretiz mis-socjeta` attrici fil-kawza mertu ta` dan ir-rikors ma jistghux jigu determinati minghajr l-intervent ta` esperti, kif wara kollox intalab fic-citazzjoni tal-kawza, stante li si tratta ammonti li waqghu dovuti tul medda ta` snin ;*

*15. Illi madankollu jidher illi fil-komputazzjoni tat-taxxa odjerna, ittiehed dak li jista` potenzjalment ikun il-valur ricenti tal-kera annwali tal-lock-up storage rooms in kwistjoni u tali valur semplicement gie mmultiplikat b`numru ta` snin attribwit ukoll b`mod arbitrju mir-Registratur intimat bhala dak in-numru ta` snin li ghalihom is-socjeta` attrici kienet qed tippretendi hlas ;*

*16. Illi, mill-provi miguba mis-socjeta` rikorrenti, jirrizulta illi l-ilment tas-socjeta` rikorrenti, illi eventwalment ta lok ghal dawn il-proceduri, beda fl-1997 meta allura 'l illum rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti rega` nhatar ukoll manager ta` l-istess kumpannija u tal-amministrazzjoni taghha. Skond l-istess xhieda tal-imsemmi Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino, kien fl-20 ta` Ottubru 1997, illi s-socjeta` attrici bhala komproprjetarja, talbet ghac-cavetta tal-bieb principali ta` Clarke Mansions. **Kwindi l-perjodu minn meta s-socjeta` rikorrenti setghet semmai tippretendi dawn id-danni u kumpens mill-konvenuti fil-kawza numru 1425/2000 GCD kien precizament mill-20 ta` Ottubru 1997 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni fl-istess kawza, u cioe` sal-10 ta` Lulju 2000** ;*

*17. Illi mill-istess xhieda jirrizulta illi l-quantum tal-pretensjoni attrici fl-istess kawza, ghal dak li jirrigwarda l-istess danni u kumpens, kien kalkolat mill-istess socjeta` rikorrenti* ***bir-rata ta` Lm2.024 per square foot per annum*** *u cioe`* ***Lm1,386.35,9 fis-sena ;***

*18. Illi ghalhekk il-massimu tad-danni u kumpens li setghu semmai jigu kkundannati li jhallsu l-konvenuti fil-kawza numru 1425/2000 GCD favur is-socjeta` attrici bhala ezitu finali tal-istess kawza,* ***ma seta` qatt jissupera s-somma kumplessiva ta` Lm3,771.66 (ekwivalenti ghal €8,785.60)****. Jekk wiehed, min-naha l-ohra, kellu jestendi din il-kundanna sad-data tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta` Ottubru 2005, allura s-somma kumplessiva ta` danni u kumpens pretizi mis-socjeta` attrici fl-istess kawza,* ***kien sa massimu jizdied ghal Lm11,056.70 (ekwivalenti ghal €25,755.18)*** *;*

*19. Illi l-valuri hawn fuq indikati huma ferm anqas mill-valur eccessiv attribwit mir-Registratur intimat ghall-istess talbiet, fejn huwa attribwixxa valur ta`* ***sitta u tmenin elf mija u sitta u tmenin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€86,186.82)****, f`cirkostanzi fejn, barra minn hekk, huwa car illi tali valur lanqas ma hu proporzjonat mal-valur attwali tal-lock-up storage rooms infishom meritu tal-kawza citata, billi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi lanqas il-valur tal-bejgh tal-istorage rooms kollha, maghdudin flimkien, ma jlahhaq il-valur astronomiku attribwit mir-Registratur intimat ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward tad-danni u l-kumpens mitlub fil-kawza citata ;*

*20. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq premess, hija l-umli fehma tas-socjeta` rikorrenti illi anke d-dritt tal-Avukati u tal-Prokuraturi Legali, fir-rigward tal-procedura quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, gie likwidat u ntaxxat b`mod erronju mir-Registratur intimat.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka t-taxxa hawn ezebita bhala Dokument 'A' mahruga mir-Registratur intimat fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relattivi ghall-kawza fl-ismijiet "Mace Developments Limited vs l-Avukat Dottor Chris Cilia et nomine" (citazzjoni numru 1425/2000 GCD).*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-26 ta` Marzu 2008 mill-Av. Dr. Peter Fenech u l-PL Hilda Ellul Mercer li kienu nominati b`digriet tad-9 ta` Ottubru 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta` Dorothy Burrell. Taqra hekk –

*1. Li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet ;*

*2. Li t-taxxa kif ihadmet hija korretta stante li mill-atti jirrizulta l-pretenzjoni tad-danni tar-rikorrenti u japplika ghalhekk l-artikolu 14 tal-Iskeda E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghal uhud mit-talbiet u l-artikolu 15(a) ghall-ohrajn.*

*3. Li in kwantu ghall-ewwel hames talbiet ir-registratur stabilixxa d-dritt fil-minimu tieghu, u dan in konformita` mal-prassi meta jkun hemm talba ghal-likwidazzjoni ta` danni u / jew kumpens kif hemm fil-kaz odjern.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda li kienu ndikati.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-27 ta` Marzu 2008 mill-Av. Dr. Chris Cilia u l-PL Veronica Rossignaud li kienu nominati b`digriet tas-16 ta` Marzu 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent Herbert Harding. Taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet ;*

*2. Illi t-taxxa kif mahduma hija korretta stante li mill-atti tirrizulta l- pretenzjoni tad-danni tar-rikorrenti u japplika ghalhekk l-artikolu 14 tal-Iskeda E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghal uhud mit-talbiet u l-artikolu 15(a) ghall-ohrajn.*

*3. Illi in kwantu ghall-ewwel hames talbiet kif dedotti fic-citazzjoni promotrici, ir-registatur jidher li stabilixxa d-dritt fil-minimu tieghu, u dan in konformita` mal-prassi meta jkun hemm talba ghal-likwidazzjoni ta` danni u / jew kumpens kif hemm fil-kaz odjern.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati.

Rat ir-risposta guramentata ta` Raymond Caruana li kienet prezentata fit-28 ta` Marzu 2008 u taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet ;*

*2. Illi t-taxxa kif mahduma hija korretta stante li mill-atti tirrizulta l- pretenzjoni tad-danni tar-rikorrenti u japplika ghalhekk l-artikolu 14 tal-Iskeda E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghal uhud mit-talbiet u l-artikolu 15(a) ghall-ohrajn.*

*3. Illi in kwantu ghall-ewwel hames talbiet kif dedotti fic-citazzjoni promotrici, ir-registatur jidher li stabilixxa d-dritt fil-minimu tieghu, u dan in konformita mal-prassi meta jkun hemm talba ghal-likwidazzjoni ta` danni u / jew kumpens kif hemm fil-kaz odjern.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-4 ta` April 2008 mill-Av. Dr. Leslie Cuschieri u l-PL Victor Bugeja bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti John Hornby Skewes. Taqra hekk –

*1. Li l-esponenti jaqblu li t-taxxa hawn attakkata mhix korretta in kwantu biss li ma nharigx dritt ghall-Prokuratur Legali esponent Victor Bugeja ghal dak li jirrigwarda l-appell, u dan stante li f`dan il-kaz il-locus standi tal-istess prokuratur legali mhuwiex biss bhala prokuratur legali sic et simpliciter izda wkoll bhala rapprezentant tal-konvenut John Hornby Skewes konguntivament mal-esponent Avukat Leslie Cuschieri. Gialadarba jkun dovut dritt lill-kuratur li hu avukat, ikun dovut dritt korrispettiv lill-ko-kuratur li hu prokuratur legali.*

*2. Li del resto t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici ghas-segwenti ragunijiet : [A] It-taxxa kif inhadmet hija korretta stante li mill-atti jirrizulta l-pretenzjoni tad-danni tar-rikorrenti u japplika ghalhekk l-artikolu 14 tal-iskeda E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghal uhud mit-talbiet u l-artikolu 15(a) ghall-ohrajn ; u [B] Inkwantu ghall-ewwel hames talbiet ir-registratur stabilixxa d-dritt fil-minimu tieghu, u dan in konformita mal-prassi meta jkun hemm talba ghal-likwidazzjoni ta` danni u / jew kumpens kif hemm fil-kaz odjern.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-7 ta` April 2008 mill-Av. Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Liliana Buhagiar li kienu nominati b`digriet ts-16 ta` Marzu 2000 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Eric Cowper. Taqra hekk –

*Illi qabel xejn bilkemm hemm ghalfejn jinghad li ma kinux huma li hargu t-taxxa kontestata ;*

*Illi b`danakollu tajjeb jinghad li s-socjeta` attrici ma kkontestatx mal-ewwel l-ammont stabbilit li kellu jithallas bhala kawtela – u li fuqu nhadmet it-taxxa – u dan la fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell tat-8 ta` Jannar 2008 u anqas f`xi data ohra wara sakemm il-kawza marret dezerta.*

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-28 ta` April 2008 mill-Av. Dr. Victor Scerri u l-PL Mario Mifsud Bonnici li kienu nominati b`digriet tas-16 ta` Marzu 2000

bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Hans Scheitegger. Taqra hekk –

*1. Li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet ;*
*2. Li t-taxxa kif ihadmet hija korretta stante li mill-atti jirrizulta l-pretenzjoni tad-danni tar-rikorrenti u japplika ghalhekk l-artikolu 14 tal-iskeda E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghal uhud mit-talbiet u l-artikolu 15(a) ghall-ohrajn.*

*3. Li in kwantu ghall-ewwel hames talbiet ir-registatur stabilixxa d-dritt fil-minimu tieghu, u dan in konformita mal-prassi meta jkun hemm talba ghal-likwidazzjoni ta` danni u / jew kumpens kif hemm fil-kaz odjern.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat dikjarazzjoni guramentata li pprezentaw flimkien ma` lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, prezentata fit-12 ta` Gunju 2008 li taqra hekk –

*1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, stante illi l-azzjoni giet intavolata kontra entita`, ossija Registratur tal-Qorti, li ma huwiex aktar ikkontemplat fil-Ligi, u ghalhekk id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatt inhadmet b`mod korrett u, f`kaz illi dina l-*

*Onorablli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti ma ghandux isofri spejjez ta` tali azzjoni u korrezzjoni ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta nhadmet b`mod korrett u l-kaz gie korrettement evalwat abbazi tal-massa litigjuza formanti parti tal-kawza illi dwarha finalment harget it-taxxa, izda, f`kaz illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti ma ghandux isofri spejjez ta` tali azzjoni u korrezzjoni ;*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2008 fejn din il-Qorti diversament presjeduta ordnat l-allegazzjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet *Mace Developments Ltd vs Av Dr Chris Cilia et noe et (Citaz Nru 1425/00 GCD)* li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Frar 2008.

Rat l-atti tal-process allegat.

Semghet ix-xiehda ta` Frank Mercieca fl-udjenza tas-26 ta` Marzu 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Semghet ix-xiehda ta` Maruska Baldacchino fl-udjenza tat-30 ta` April 2009 u rat id-dokumenti li kienu esebiti f`dik l-udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Gunju 2009.

Semghet ix-xiehda ta` Maurice Scifo Diamantino fl-istess udjenza.

Rat li l-gbir tal-provi kien konkluz fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2009.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-kumpannija attrici li kienet prezentata fit-30 ta` Marzu 2010.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-kuratur deputati li kienet prezentata fl-24 ta` Gunju 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-28 ta` April 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat li ma hemmx ostakolu li s-sentenza tinghata fl-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>Frank Mercieca</u>**, illum Direttur - Qrati Civili u Tribunali – xehed illi kienet Maruska Baldacchino, Deputat Registratur tal-Imhallef Giannino Caruana Demajo, li kienet hadmet it-taxxa tal-kawza *Mace Developments Ltd vs Av Dr Chris Said et noe et (Citaz Nru 1425/00 GCD).*

Fil-**<u>kontroezami</u>**, meta mistoqsi a bazi ta` liema kriterji nhadmet it-taxxa, ix-xhud wiegeb illi t-talba kienet ghal likwidazzjoni ta` danni. Huwa ma ghamilx verifika ta`

jekk l-ammonti kienux korretti nkella le. Meta d-deputat registratur intaxxjat il-kawza, kien hemm nota mill-kuraturi fuq wara tal-process ta` kif kellha tasal ghall-valur. Fil-process kien hemm affidavit tal-attur fejn kien indikat a fol 179 l-ammont tad-danni pretizi. Mistoqsi mill-Qorti dwar il-fatt li l-kuraturi fin-nota taghhom ma ghamlux referenza ghas-somma msemmija mill-attur izda semmew ammont globali, ix-xhud wiegeb illi l-kuraturi ghamlu kalkolu ta` Lm 1360 fis-sena ghall-1978 u 1979 u l-istess ammont mill-1997 sal-2005 u mbghad sakemm kienet deciza l-kawza. Mistoqsi jekk meta nhadmet it-taxxa d-deputat registratur qaghditx biss fuq in-nota tal-kuraturi, ix-xhud wiegeb illi d-deputat registratur ma qaghditx fuq in-nota izda fuq dak li kien jirrizulta mill-atti – partikolarment fol 179. Mistoqsi dwar il-fatt li dik kienet nota pprezentata mill-kuraturi u mhux nota konguntiva tal-partijiet kollha, ix-xhud wiegeb li jkun hemm il-bzonn ta` nota konguntiva bejn il-partijiet, meta ma t-taxxa ma tkunx tista` tinhadem ghaliex ma jkunx jirrizulta valur.

**<u>Maruska Baldacchino</u>**, Deputat Registratur, xehdet illi kienet hi li hadmet t-taxxa in kwistjoni. Fissret illi kienet l-ewwel seduta taghha mal-Imhallef Giannino Caruana Demajo wara hames snin li kienet tahdem fil-Qorti tal-Magistrati – bhala kompetenza kriminali. Ghalhekk dak iz-zmien kienet ghadha taf xejn dwar kif jimxu l-affarijiet fil-kawzi civili. Ghalhekk meta hadmet it-taxxa talbet il-parir ta` Albert Portelli, li dak iz-zmien kien l-Assistent Registratur. Is-Sur Portelli kien spjegalha li l-ewwel sitt talbiet kienu gew intaxxati bil-ghaxar Liri Maltin (Lm 10), u dwar likwidazzjoni ta` danni u kundanna ghal hlas, mill-process kellu jirrizulta li l-valur kien ta` Lm 26,000. Mistoqsija mill-Qorti jekk it-taxxa kenitx inhadmet fuq Lm 26,000 ghaliex fil-process kien hemm referenza ghal dak l-ammont, ix-xhud wiegbet illi ladarba hadmitha fuq dak l-ammont, kien konsegwenza tal-fatt li s-Sur Portelli kien indika dak l-ammont. Mistoqsija ghaliex, fejn giet intaxxata it-tieni kundanna ghall-hlas, id-dritt tal-avukat kien differenti mill-ewwel kundanna ghall-hlas, ix-xhud wiegbet illi probabilment gara hekk ghaliex kien l-Assistent Registratur kien ta direzzjoni biex taghmel it-taxxa b`dak

il-mod. Ipprezentat il-*workings* ta` kif hadmet it-taxxa (Dok MB1).

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**i) <u>Is-socjeta` attrici</u>**

Fis-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, is-socjeta attrici hadet zewg binarji : it-tassazzjoni tad-drittijiet u ta` l-ispejjez fir-rigward tat-talbiet attrici ghall-hlas ta` kumpens u danni kif likwidati mir-Registratur tal-Qorti b`riferenza ghal Dok A u Dok JZM1 ; u it-tassazzjoni tad-digriet ta` deserzjoni mill-Qorti ta` l-Appell tal-5 ta` Frar 2008, b`riferenza ghal Dok JZM1.

Dwar l-ewwel kwistjoni, is-socjeta` attrici tghid li l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet cahdet it-talbiet taghha ghal-likwidazzjoni tad-danni u kumpens. Il-Qorti ta` l-Appell ikkonfermat s-sentenza. Skond ix-xiehda ta` Maruska Baldacchino, il-likwidazzjoni tad-danni saret fuq l-ammont ta` Lm 26,000 ekwivalenti ghal €60,563.71. Il-likwidazzjoni tal-kumpens saret fuq l-ammont ta` Lm 11,000 ekwivalenti ghal €25,623.11. Is-socjeta` attrici tikkontendi li r-Registratur kien skorrett meta ghadda ghal din l-likwidazzjoni ghaliex ghandu jirrizulta mill-atti tal-kawza illi d-danni u kumpens illi kienet talbet is-socjeta` attrici ma kienux gew stabbiliti quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas ma jistghu jigu stabbiliti skond il-ligi. Is-socjeta attrici kienet talbet il-hatra ta` periti sabiex jigu likwidati d-danni, izda n-nomina baqghet ma saritx, u ghalhekk l-likwidazzjoni kemm tad-danni u kif ukoll tal-kumpens qatt ma sehhet. Fic-cirkostanzi, ir-Registratur kellu japplika t-tariffi ndikati fl-Iskeda A tal-Kap 12, u cioe` kellu jintaxxa d-drittijiet f`cirkostanzi fejn il-valur kien baqa` mhux cert u mhux likwidu. Billi t-talbiet tas-socjeta` attrici ma

jikkwalifikawx taht Art 14 tat-Tariffa E, ghax il-valur ta` dawk it-talbiet la huwa determinat u lanqas ma jista` jigi determinat, kellhom japplikaw d-disposizzjonijiet ta` Art 15(a) tat-Tariffa E, biex b`hekk d-drittijiet kellhom ikunu bejn €23.29 u €232.94. Is-socjeta` attrici tkompli tirrileva illi meta wiehed iqis it-talbiet taghha, ghalkemm kienu distinti minn xulxin u nseriti f`talbiet differenti, effettivament kellhom jigu meqjusa u determinati flimkien. Is-socjeta` attrici kienet konxja tal-fatt illi fil-kaz ta` esitu favorevoli ghaliha, hija setghet tircievi jew kumpens minhabba okkupazzjoni jew danni, izda mhux it-tnejn flimkien.

Dwar it-tieni kwistjoni, is-socjeta` attrici tosserva illi skond it-taxxa li hareg ir-Registratur (Dok JZM1) kien intaxxjat ammont komplessiv ta` €22,400.96, in kwantu ghal € 16,960.14 bhala drittijiet tal-avukati, in kwantu ghal € 4,397.05 bhala drittijiet tal-prokuraturi legali, u in kwantu ghal € 1,043.56) bhala dritt tar-Registru. Jirrizulta li d-digriet ta` dezerzjoni kien revokat *contrario imperio* mill-Qorti ta` l-Appell. Dak id-digriet kellu jitqies bhallikieku qatt ma nghata u kwindi, r-Registratur qatt ma kellu jintaxxa dak id-digriet.

**ii) <u>Il-kuraturi deputati</u>**

Fis-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, il-kuraturi Av. Dr. Renzo Porsella Flores u Av. Dr. Peter Fenech isostnu li meta ssir tassazzjoni, ir-Registatur tal-Qorti joqghod fuq dak li jirrizulta mill-process (ara – “**<u>Grech vs Abela et</u>” –** PA/DS - 25 ta` Jannar 2002 ; u “**<u>St. George`s Park Co. Ltd. vs</u> <u>Dott. Hugh Peralta et</u>.” -** Qorti ta` l-Appell - 4 ta` Lulju 2008).

Il-kuraturi jikkontestaw il-linja li hadet is-socjeta` attrici fin-nota taghha fis-sens illi t-talbiet taghha ghal-likwidazzjoni u kumpens ghax distinti ma kellhomx jigu meqjusa flimkien billi kien ben evidenti li s-socjeta attrici

kienet qeghda titlob danni ghal telf ta` qligh u kumpens ghal okkupazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tar-Registratur tal-Qorti, taxxa hija att tar-Registratur tal-Qorti. Il-ligi stess tipprovdi li *"l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti..."* (Art 64 tal-Kap 12). U propju ghaliex taxxa tikkostitwixxi titolu ezekuttiv, il-hrug ta` dak l-att ghandu jsir bl-akbar kawtela u wara d-debiti verifiki li l-kaz ikun jirrikjedi.

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 1960 fil-kawza "**Ellul Bonnici vs Buhagiar noe et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Skond il-ligi, il-valur ta` kawza, tant ghall-finijiet ta` kompetenza kemm ghall-finijiet ta` tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, mhux fuq l-interess effettiv, kif issejjahlu l-attur, cioe`, apparentement, l-interess pekunjarju jew patrimonjali tieghu fl-ezitu finali taghha. Xi drabi jista` jigri illi l-azzjoni cioe` t-talba tkun ristretta ghal interess izghar minn dak li fuqu d-decizjoni tkun tinfluwixxi ; drabi ohra l-interess li jintitola l-attur jagixxi, jista` lanqas ikun pekunjarju jew patrimonjali, jew valutabbli fi flus."*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Jannar 1959 fil-kawza "**Caruana vs Buhagiar**", il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk –

*"Kif intqal fis-sentenza riportata fil-Vol. XXI-II-3, `il registratore deve tassare le dichiarazioni e le domande proposte senza alcuna considerazione della loro utilita or altrimenti, non trovandosi nel Codice di Procedura Civile*

*alcuna disposizione che dia tale facilita` al registratore`. Il-fatt biss illi domanda tkun `accessorja` ghal ohra mhix, wahedha, raguni bizzejjed biex l-ewwel domanda ma tigix taxxata ; ghax dik it-talba tista` tkun distingwibbli u distinta mill-ohra bhal entita` gudizzjali, u tohloq rapport apprezzabbli ghalihom."*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Frar 1951 fil-kawza "**Axiaq vs Vella**" din il-Qorti qalet hekk –

*"Illi, kif kellha okkazjoni tghid dina l-Qorti, f`kawzi simili t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mid-domanda jew talba ; liema principju jista` jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x`kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioe ghandu jigi studjat u ezaminat x`ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta` dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-`quod disputatum est`, li jista` jigi ragjonevolement indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process ; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant d-dikjarazzjonijiet orali, u `multo magis` l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda."*

**a) It-tassazzjoni tad-drittijiet u ta` l-ispejjez fir-rigward tat-talbiet tas-socjeta` attrici ghal hlas ta` kumpens u danni kif saret mir- Registratur tal-Qorti (Dok. A u Dok. JZM1)**

Dwar l-ewwel kwistjoni, anke fuq l-iskorta tal-gurisprudenza, jirrizultaw dawn il-principji generali –

1) li l-fatt li talba hija accessorja ghal talba ohra mhijiex raguni bizzejjed biex l-ewwel talba ma tigix intaxxata ;

2) li t-tassazzjoni tigi regolata mit-talba attrici ;

3) li meta l-valur in kontestazzjoni jista` jigi dedott mill-atti tal-kawza, t-tassazzjoni ghandha ssir skond dak il-valur ;

4) li t-tassazzjoni tirrizulta b`dan il-mod, indipendentement mill-fatt jekk il-Qorti tkunx laqghet jew cahdet it-talbiet attrici.

Jirrizulta mix-xhieda ta` Frank Mercieca u Maruska Baldacchino li t-tassazzjoni Dok A saret abbazi ta` dak li kien iddikjara Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino, direttur tas-socjeta attrici, fl-affidavit tieghu (fol 179 tal-process allegat). Hemm kien iddikjara illi –

*“Ghalhekk il-kumpens/danni pretizi mis-socjeta attrici huwa :*

*1) Lm 1,386-35,9 fis-sena kumpens ghall-perijodu illi fih il-konvenut jew min minnhom bdew jokkupaw dawn il-kmamar illegalment sad-data ta` l-ewwel ittri ufficjali tal-22 ta` Ottobru 1997.*

*2) Lm 1,386-35,9 fis-sena minn 23 ta` Ottobru 1997, sad-data tal- pagament effettiv lilna.*

*3) L-interessi kummercjali fuq l-ammonti determinanti mill-Qorti fil- `1`u `2`.*

*4) Dawk l-ispejjez sofferti mis-socjeta attrici qabel l-intavolar tac- citazzjoni odjerna cioe – 6 ittri legali (1997) – Lm 30 + 2 ittri ufficjali (1997) Lm 23 + 8 ittri ufficjali (1999) 4 minnhom segwiti b`translations, notifiki addizzjonali bil-purtiera, rikorsi ghan-nomina ta` kuraturi deputati, Lm 230 inkluz VAT cioe Total ta` Lm 283;*

*5) L-ispejjez kollha l-ohra inkorsi mis-socjeta attrici biex intavolajna din ic-citazzjoni u l-ispejjez kollha l-ohra inkorsi minnha.”*

**Minn dan jidher car li s-socjeta attrici kienet qed tippretendi li d-danni u l-kumpens jigu kkalkolati kif ddikjarat hawn fuq u ghalhekk r-Registratur tal-Qorti ddecieda tajjeb meta bbaza t-tassazjoni li ghamel fuq din id-dikjarazzjoni li saret mid-direttur tas-socjeta attrici. Daqstant bhala punto di partenza**.

Issa dak li trid tara l-Qorti huwa jekk it-tassazzjoni li saret mir-Registratur fuq quantum ta` danni ta` Lm 26,000 ekwivalenti ghal €60,563.71 tirrizultax jew le mill-atti tal-kawza. Skond is-sentenza, **ma jirrizultax** li gie ppruvat meta effettivament bdiet l-okkupazzjoni illegali tal-kmamar. Minn esami tal-affidavit tad-direttur tas-socjeta attrici, u tal-ittri ufficjali, **fl-ebda mument ma tirrizulta data specifika meta kien allegat illi kienet bdiet l-allegata okkupazzjoni illegali**. Ghalhekk ir-Registratur tal-Qorti ma setax jiddetermina mill-atti tal-kawza d-data minn meta bdiet l-okkupazzjoni illegali, precedentement ghal ewwel ittra ufficjali tat-22 ta` Ottobru 1997, u kwindi l-ammont ta` Lm 26,340.82 li gew kkalkolati bhala danni mis-sena 1978 sas-sena 1997, **ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni**. Dak li r-Registratur seta` jiehu in konsiderazzjoni huwa l-perijodu mill-22 ta` Ottobru 1997 sa meta l-kawza kienet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u cioe` il-11 ta` Ottobru 2005, ghal dak li ghandu x`jaqsam mat-tassazzjoni Dok A, u sa meta l-kawza kienet deciza mill-Qorti ta` l-Appell fil-31 ta` Ottobru 2008, ghal dak li ghandu x`jaqsam mat-tassazzjoni Dok. JZM1. Ghalhekk it-tassazzjoni kellha ssir fuq l-ammont ta` Lm 1,386.35 ekwivalenti ghal €3,229.33 fis-sena ; mill-1997 sal-2005 l-ammont kien iwassal ghall-figura ta` € 25,834.61 ; mill-1997 sal-2008, il-figura kienet twassal ghal € 35,522.63.

Il-Qorti ma taqbilx mal-linja li hadet is-socjeta` attrici. Billi t-talbiet attrici kienu *da liquidarsi,* ir-Registratur kellu jaddotta t-tariffa minima. Skond il-gurisprudenza, meta jkunu qeghdin jintalbu d-danni, dawn jirrizultaw mill-atti tal-kawza u t-tassazzjoni ghandha ssir fuq il-valur li jirrizulta mill-atti.

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi t-talbiet kellhom jigu meqjusa u determinati flimkien u mhux jittiehdu separatament meta saret t-tassazzjoni. Skond il-gurisprudenza, il-fatt li talba hija accessorja ghal talba ohra, mhijiex raguni tajba bizzejjed biex wahda mit-talbiet ma tigix intaxxata. Fit-tassazzjoni in kwistjoni, ir-Registratur hadem zewg drittijiet. Jirrizulta mit-talbiet li s-socjeta` attrici talbet – i) dikjarazzjoni illi bl-agir illegali tal-konvenuti gew ikkagunati danni ingenti, u l-konsegwenti likwidazzjoni u kundanna ghal hlas ta` dawn id-danni ; ii) likwidazzjoni ta` dik s-somma dovuta lis-socjeta attrici bhala kumpens ghal okkupazjoni illegali u s-sussegwenti kundanna ghal hlas. Mill-mod kif gew imfassla t-talbiet huwa evidenti ghal din il-Qorti illi s-socjeta attrici **kienet qeghda titlob kemm danni kif ukoll kumpens.** Ma jidhirx li t-talbiet kienu alternattivi. Ghalhekk r-Registratur iddecieda tajjeb meta kkalkola dritt anke fir-rigward tal-kumpens.

Jirrizulta li l-kumpens kien intaxxat fuq valur ta` Lm 11,000 ekwivalenti ghal € 25,623.11. Diga` nghad illi l-okkupazzjoni illegali setghet biss tigi kkalkolata mill-1997 `il quddiem, u ghalhekk, jekk wiehed jikkalkola l-ammont ta` Lm 1,386.35 ekwivalenti ghal € 3,229.33 fis-sena, mill-1997 sal-2005 dawn jammontaw ghal € 25,834.64) u mill-1997 sal-2008 dawn jammontaw ghal €35,522.63. Ghalhekk id-dritt tar-registur, id-dritt tal-avukat u d-dritt tal-prokuratur legali fir-rigward tat-talba dwar il-kumpens ghandha tigi kkalkolata fuq il-valur ta` €25,834.64 sas-sentenza tal-Ewwel Qorti, u fuq il-valur ta` €35,522.63, meta kienet deciza s-sentenza mill-Qorti tal-Appell.

**b) It-tassazzjoni tad-digriet ta` dezerzjoni tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta` Frar 2008 (Dok JZM1)**

It-tieni kwistjoni tittratta l-fatt illi d-digriet ta` dezerzjoni tal-5 ta` Frar 2008 mill-Qorti tal-Appell kien intaxxat bl-istess mod li kien intaxxat d-dritt tar-registru wara s-sentenza.

Jirrizulta li d-digriet ta` dezerzjoni kien revokat *contrario imperio.*

Jirrizulta wkoll li l-kawza kien deciza fil-31 ta` Ottobru 2008.

Is-socjeta attrici tghid illi una volta li d-digriet kien revokat, u allura skond hi daqslikieku qatt ma nghata, ir-Registratur ma kellux jintaxxa dak id-digriet.

Mill-atti jirrizulta li s-socjeta attrici pprezentat rikors ta` l-appell. Fis-seduta tal-5 ta` Frar 2008, il-Qorti tal-Appell iddikjarat dezert dak ir-rikors stante li ma kenitx segwita l-procedura ai termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap 12. In segwitu, is-socjeta attrici pprezentat rikors fejn fissret li fil-kaz taghha ma kenitx giet segwita l-procedura skond l-Art 963(3) u (3A) u tal-Kap 12. Kien rilevat illi d-disposizzjoni kienet giet emendata bl-Att VIII tal-2007 li dahal fis-sehh fgl-1 ta` Frar 2008. Il-Qorti tal-Appell irrevokat *contrario imperio* d-digriet ta` dezerzjoni minghajr smigh.

Jidher car mill-premess li d-digriet ta` dezerzjoni ma kellux jinghata ghaliex f`dan il-kaz id-dezerzjoni ma kenitx tirrizulta *ope legis.* Ghax hekk kien il-kaz, il-Qorti tal-Appell ordnat ir-revoka *contrario imperio.* Hija l-fehma tal-Qorti li s-socjeta` attrici ma kellhiex tbati l-ispejjez ta` dak id-digriet.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez ta` l-procediment tal-lum, il-Qorti tikkostatata li kien hemm apprezzament zbaljat da parti tar-Registratur tal-Qorti li wassal biex hareg taxxa mhux korretta. Tirrileva wkoll illi aktar milli fit-talba bhala tali, is-socjeta` attrici ma kellhiex ragun ghal kollox fl-impostazzjoni tar-ragunijiet li ressqet biex tikkontesta t-taxxa in kwistjoni. Tqis ukoll illi l-konvenuti l-ohra irrezistew it-talba attrici ghat-thassir u revoka tat-taxxa in kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-Art 223(3) tal-Kap 12.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talba attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi taqta` u tiddeciedi hekk –**

**Thassar u tirrevoka t-taxxa li hareg ir-Registratur tal-Qorti ghar-rigward tad-drittijiet u tal-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet *Mace Developments Limited vs L-Avukat Dottor Chris Cilia et noe et (Citaz. Nru 1425/2000)* li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Frar 2008 billi –**

**1) Tordna li d-dritt tar-Registru, id-dritt tal-Avukat u d-dritt tal-Prokuratur Legali jigu ntaxxati mill-gdid ghal dak li jirrigwarda d-danni fuq il-valur ta` hamsa u ghoxrin elf tmien mija erbgha u tletin euro u wiehed u sittin centezmi (€ 25,834.64) sad-data tas-sentenza li l-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat fl-istess kawza fil-11 ta` Ottubru 2005, u fuq il-valur ta` hamsa u tletin elf hames mija tnejn u ghoxrin euro u tlieta u sittin centezimu (€ 35,522.63) fid-data tas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tal-5 ta` Frar 2008 fl-istess kawza ; u**

**2) Tordna li jithassar id-dritt tar-Registru, id-dritt tal-Avukat u d-dritt tal-Prokuratur Legali fir-rigward tad-digriet ta` dezerzjoni moghti mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Frar 2008 fl-istess kawza.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha fil-procediment tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------